FLUSNA



# IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€20


BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA



www.karti-godda-tal-euro.eu

www.euro.ecb.europa.eu

# KARTI TAL-EURO
## INNOVATTIVI U AKTAR SIGURI

Il-karta l-ġdida tal-€20 hija t-tielet karta tal-flus fis-sensiela Europa. Il-karta tirrappreżenta żvilupp ġdid fit-teknoloġija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus minħabba li fiha **karatteristika ta' sigurtà innovattiva oħra: it-tieqa bil-wiċċ fl-ologramma. Meta żżomm il-karta tal-flus kontra d-dawl, it-tieqa ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta.** Ix-xbieha tal-wiċċ tidher ukoll fil-*watermark*. Europa hija figura tal-mitoloġija Griega li minnha ħa ismu l-kontinent tagħna.

Il-karta l-ġdida tal-€20, bħall-karti l-ġodda tal-€5 u l-€10, fiha numru aħdar żmerald. Permezz ta' dawn l-innovazzjonijiet, is-sensiela l-ġdida tal-karti tal-euro saret aktar diffiċli biex tiffalsifikaha u fl-istess ħin saħħet il-fiduċja fil-munita.

L-Eurosistema, jiġifieri l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, għandha d-dmir li tissalvagwarda l-integrità tal-karti tal-euro billi minn żmien għal żmien ittejjeb il-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom sabiex isiru aktar diffiċli li jiġu ffalsifikati. Bħall-karti l-ġodda tal-€5 u l-€10, il-karta l-ġdida tal-€20 hija stampata fuq karta magħmula mill-qoton minħabba li ċ-ċittadini Ewropej jippreferu l-mod tradizzjonali ta' kif jinħassu l-karti tal-flus.[1]

Illum 338 miljun ċittadin Ewropew f'19-il pajjiż tal-Ewropa jużaw l-euro. Iħossuhom b'saħħithom flimkien minħabba l-fiduċja li għandhom fl-euro, li ta prova li huwa munita globali affidabbli.

Maż-żmien, l-Eurosistema se tibdel ftit ftit l-ewwel sensiela ta' karti tal-euro. Il-karta l-ġdida tal-€5 ħarġet fit-2 ta' Mejju 2013 u warajha ħarġet il-karta l-ġdida tal-€10 fit-23 ta' Settembru 2014. Il-karta l-ġdida tal-€20 se tiġi ppreżentata uffiċjalment fil-Bank Ċentrali Ewropew fl-24 ta' Frar 2015 u se tibda tiċċirkola fiż-żona tal-euro mill-25 ta' Novembru 2015.

Għal aktar tagħrif tista' tikkuntattja l-uffiċċji stampa tal-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema (ara paġna 12). Dettalji sħaħ dwar il-karti kollha tal-euro jinsabu fil-websajt **www.karti-godda-tal-euro.eu**.





[1] Stħarriġ fost gruppi speċjalizzati fiż-żona tal-euro wera li n-nies jixtiequ li l-karti tal-flus il-ġodda jkunu magħmulin mill-istess kwalità ta' karta użata fl-ewwel sensiela.

# 338 MILJUN ĊITTADIN EWROPEW – **B'SAĦĦITNA FLIMKIEN BL-EURO**

Il-karta l-ġdida tal-€20, bħall-karti kollha attwali tal-euro, se tkun simbolu b'saħħtu tal-integrazzjoni. Bħall-ewwel sensiela li ħarġet fl-2002, is-sensiela Europa turi stili arkitettoniċi minn żminijiet differenti kif ukoll pontijiet u mappa tal-Ewropa, kollha simboli ta' kif il-munita tgħaqqad il-popli taż-żona tal-euro.

It-tieqa fl-ologramma fil-karta l-ġdida tal-€20 hija innovazzjoni kbira fit-teknoloġija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus. Bħan-numru aħdar żmerald, hija r-riżultat ta' snin ta' riċerka u żvilupp estensivi.

Bħalissa hawn 17-il biljun karta tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, b'valur nominali totali ta' madwar €1,000 biljun. L-introduzzjoni tas-sensiela Europa għandha l-għan li ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-karti tal-euro billi tkompli ttejjeb is-sigurtà u r-robustezza tagħhom.



# IL-KARTI TAL-FLUS TAL-€20

## L-€20 TAS-SENSIELA EUROPA

X'HEMM ĠDID



Quddiem



Wara

Il-karti tal-euro l-ġodda għandhom l-istess disinn ta' "żminijiet u stili" u l-istess kuluri dominanti tal-ewwel sensiela, iżda sarilhom tibdil żgħir biex jilqgħu l-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda. Hekk jistgħu jintgħarfu faċilment mill-karti tal-ewwel sensiela. Reinhold Gerstetter, disinjatur indipendenti tal-karti tal-flus minn Berlin, intgħażel biex jagħti dehra ġdida lid-disinn tal-karti tal-euro. Dan sar biex jiġu inklużi l-pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea mill-2002 'l hawn. Hekk, il-mappa tal-Ewropa turi lil Malta u lil Ċipru, il-kelma "euro" hija miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll minbarra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jidhru b'disa' varjanti lingwistiċi, minflok b'ħamsa.

## L-€20 TAL-EWWEL SENSIELA



Quddiem



Wara

# > FAĊLI TIĊĊEKKJAHA

Bħal fil-każ tal-ewwel sensiela ta' karti tal-euro, huwa faċli tiċċekkja l-karatteristiċi ta' sigurtà tas-sensiela Europa billi tuża l-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEL".

## 1 ĦOSS

**Kif tinħass il-karta** – Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda.
**Stampar imqabbeż** – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen.

### > X'hemm ġdid

Hemm sensiela ta' linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin.






## 2 ĦARES

***Watermark*** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi l-valur numeriku tal-karta tal-flus u x-xbieha ewlenija.

### > X'hemm ġdid
#### – *Watermark* bil-wiċċ

Tidher ukoll xbieha ta' wiċċ Europa.



#### – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma

Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta.







## 3 MEJJEL

**Ologramma** – Mejjel il-karta tal-flus. L-istrixxa lewn il-fidda fuq il-lemin turi l-valur numeriku tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

### > X'hemm ġdid
#### – Numru aħdar żmerald

Dan in-numru jleqq juri effett tad-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel ukoll il-kulur minn aħdar żmerald għal blu skur.



#### – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma

It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq in-naħa ta' wara tal-karta, fit-tieqa jidher il-valur numeriku bl-ilwien tal-qawsalla.





# EUROPA:
# IL-PRINĊIPESSA FIT-TIEQA

## > Żvilupp teknoloġiku importanti

Ix-xbihat tal-uċuħ dejjem intużaw tradizzjonalment fuq il-karti tal-flus fid-dinja kollha u r-riċerka turi li n-nies jagħrfu l-uċuħ bla tbatija. Europa, figura tal-mitoloġija Griega, intgħażlet biex tidher fuq il-karti tal-flus il-ġodda minħabba li tat isimha lill-kontinent tal-Ewropa.

Ix-xbieha ta' wiċċ Europa ttieħdet minn vażun li jinsab fil-Louvre f'Pariġi. Il-vażun għandu aktar minn 2,000 sena u oriġinarjament instab fl-Italja tan-Nofsinhar. Fil-karti l-ġodda tal-€20 intużat teknoloġija ġdida li turi lil Europa b'mod innovattiv, imqiegħda f'"tieqa" għaliha fl-ologramma.

Meta żżomm il-karta tal-flus kontra d-dawl, it-tieqa ssir trasparenti u fiha tidher xbieha ta' wiċċ Europa miż-żewġ naħat tal-karta. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fuq in-naħa ta' quddiem jidhru linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku u fuq in-naħa ta' wara jidher il-valur numeriku bl-ilwien tal-qawsalla. Bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp ġdid fit-teknoloġija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus, il-falsifikazzjoni ssir aktar diffiċli.





# FATTI IMPORTANTI
# DWAR IS-SENSIELA EUROPA




> Is-sensiela Europa tinkludi karatteristiċi ta' sigurtà ġodda li joffru aktar ħarsien kontra l-falsifikazzjoni.

> Il-karti tal-flus il-ġodda qegħdin jidħlu ftit ftit matul bosta snin, mill-iżgħar denominazzjoni sal-ikbar waħda. Il-karta l-ġdida tal-€5 daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fl-2013 u dik tal-€10 bdiet tiċċirkola fl-2014. Il-karta l-ġdida tal-€20 se toħroġ fil-25 ta' Novembru 2015. Id-denominazzjonijiet mhumiex se jinbidlu: €5, €10, €20, €50, €100, €200 u €500.

> Id-dati eżatti ta' meta se joħorġu d-denominazzjonijiet l-oħra se jitħabbru aktar 'il quddiem.

> Il-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra ġew involuti fl-iżvilupp tas-sensiela Europa biex ikunu jistgħu jħejju għad-dħul tal-karti tal-flus il-ġodda.

> Biex jintużaw il-ħażniet li fadal, il-karti tal-€20 tal-ewwel sensiela se jibqgħu joħorġu flimkien mal-karti l-ġodda tal-€20. Id-denominazzjonijiet kollha taż-żewġ sensiliet se jkomplu jiċċirkolaw flimkien.

> Id-data meta l-ewwel sensiela ta' karti tal-euro ma tibqax valuta legali titħabbar minn żmien sew qabel. Madankollu, il-karti tal-flus tal-ewwel sensiela se jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jistgħu jissarrfu fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema bla limitu ta' żmien.

### > Adattati għal persuni neqsin mid-dawl

Akbar ma huwa l-valur tal-karta tal-flus, akbar huwa d-daqs tagħha sabiex persuni neqsin mid-dawl ikunu jistgħu jorganizzaw il-portmonijiet tagħhom skont il-ħtieġa. Waqt il-fażi tad-disinn tas-sensiela Europa, intalbet il-kooperazzjoni ta' persuni neqsin mid-dawl biex jiddaħħlu karatteristiċi li jgħinuhom jużaw il-karti tal-flus b'aktar kunfidenza. Hekk, fuq in-naħa ta' quddiem, l-ittri huma kbar u stampati b'tipa aktar grassa filwaqt li mat-truf tal-karta tal-flus hemm marki li jistgħu jinħassu. Il-kuluri predominanti tal-karti tal-ewwel sensiela qegħdin jinżammu għas-sensiela Europa, iżda se jkunu aktar jgħajtu biex id-denominazzjonijiet jintgħarfu minn xulxin.

# KRONOLOĠIJA
# TAL-KAMPANJA TA' INFORMAZZJONI

L-għan ewlieni tal-kampanja ta' informazzjoni dwar il-karta l-ġdida tal-€20 huwa li jingħata tagħrif fuq il-karti l-ġodda u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom lill-pubbliku u lil dawk li jużaw il-flus kontanti f'xogħolhom.

FLUSNA

| | |
|---|---|
| 5 ta' Frar 2015 | Ftuħ tal-kompetizzjoni onlajn "Tetris® €20 ġdida"[2] |
| 6 ta' Frar 2015 | Ftuħ tal-Programm ta' Sħubija dwar l-€20 għall-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra waqt seminar tal-Eurosistema f'Ruma |
| 24 ta' Frar 2015 | Preżentazzjoni tal-karta l-ġdida tal-€20 fil-Bank Ċentrali Ewropew, Frankfurt am Main |
| Frar/Marzu 2015 | Il-karta l-ġdida tal-€20 issir disponibbli għall-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra sabiex ikunu jistgħu jadattaw il-magni u t-tagħmir tagħhom |
| Mejju 2015 | Il-banek ċentrali nazzjonali jibagħtu pubblikazzjonijiet dwar il-karta l-ġdida tal-€20 lill-banek kummerċjali, il-pulizija, il-kmamar tal-kummerċ, il-federazzjonijiet professjonali, eċċ. Aġġornament tal-għodod tat-taħriġ onlajn "Tagħrif dwar il-Karti tal-Flus" u "Euro Cash Academy" fil-websajt www.karti-godda-tal-euro.eu |
| Ottubru 2015 | Fuljetti dwar il-karta l-ġdida tal-€20 jintbagħtu fi 3 miljun post tal-bejgħ fiż-żona tal-euro |
| L-aħħar t'Ottubru 2015 | Preżentazzjoni onlajn tal-filmati dwar il-karta l-ġdida tal-€20 |
| 25 ta' Novembru 2015 | Ħruġ tal-karta l-ġdida tal-€20 |

## > Xbihat tal-karti tal-euro

Ix-xbihat tal-karti tal-euro huma protetti b'mod diġitali. L-organizzazzjonijiet li jkollhom interess leġittimu jirriproduċu xbihat tal-karti tal-euro għandhom jitolbu xbihat li ma jkunux protetti b'mod diġitali. Min ikun jixtieq juża dawn ix-xbihat għandu l-ewwel jikteb lil info@ecb.europa.eu biex jikseb u jiffirma dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità.
Aktar tagħrif jinsab hawn: www.ecb.europa.eu/euro/html/hires.mt.html.



[2] Tetris ® & © 1985~2015 Tetris Holding, użata bil-permess.

# ĦARSIEN
# TAL-KARTI TAL-EURO

## > Miżuri effettivi kontra l-falsifikazzjoni

L-Eurosistema tagħmel sforz konsiderevoli biex tiżgura li l-pubbliku u l-professjonisti li jaħdmu bil-flus kontanti jkunu infurmati tajjeb dwar kif jagħrfu karta tal-flus falza. L-Eurosistema tara wkoll li l-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus ikun kapaċi jidentifika tajjeb il-karti tal-flus foloz biex jitneħħew miċ-ċirkolazzjoni.

**Għadd ta' karti tal-flus foloz li tneħħew miċ-ċirkolazzjoni bejn l-2002 u l-2014**




Il-BĊE jikkoopera mill-qrib ukoll mal-Kummissjoni Ewropea (li hija responsabbli għat-tagħrif dwar il-falsifikazzjoni tal-muniti tal-euro) kif ukoll mal-korpi nazzjonali tal-pulizija, l-Europol u l-Interpol. Sura importanti oħra ta' difiża kontra l-falsifikazzjoni hija li l-pubbliku ikun mgħarraf tajjeb dwar il-karti l-ġodda.



# PROGRAMM TA' SĦUBIJA

Biex il-manifatturi u l-fornituri tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus ikunu mħejjijin għall-introduzzjoni tal-karti l-ġodda tal-€20, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għaddewlhom tagħrif u pprovdewlhom karti tal-flus ġodda biex jiġu ttestjati qabel ma joħorġu fiċ-ċirkolazzjoni. Huma fasslu wkoll Programm ta' Sħubija komprensiv.

Dan il-programm, l-istess bħal dak li sar fl-2013 għall-karta il-ġdida tal-€10 u li fih ħadu sehem aktar minn 300 sieħeb industrijali mill-Ewropa kollha, għandu l-għan li jiżgura li l-apparat kollu li jipproċessa l-karti tal-flus fiż-żona tal-euro jkun ġie adattat fil-ħin.

Billi l-karta tal-€20 hija waħda mill-karti tal-flus li jiċċirkolaw l-aktar, il-Programm ta' Sħubija dwar il-karta l-ġdida tas-sensiela Europa se jiġi estiż għal organizzazzjonijiet professjonali oħra, bħal assoċjazzjonijiet tal-banek jew entitajiet li jistgħu jqassmu materjal tal-BĊE b'tagħrif lill-pubbliku.

Il-Programm ta' Sħubija dwar l-€20 fetaħ uffiċjalment f'seminar tal-Eurosistema li sar fil-Banca d'Italia f'Ruma fis-6 ta' Frar 2015. Il-programm joffri lill-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jipproċessa l-karti tal-flus, kif ukoll lill-klijenti u l-utenti, firxa wiesgħa ta' għodod u materjal edukattiv, il-biċċa l-kbira minnhom bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Permezz tal-Programm ta' Sħubija, il-Bank Ċentrali Ewropew u id-19-il bank ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema se:

- joħorġu tagħrif dwar il-ħtieġa li l-apparat li jipproċessa u jivverifika l-karti tal-flus jiġi adattat għall-karti tal-flus il-ġodda
- jorganizzaw sensiela ta' avvenimenti u attivitajiet sabiex jiżdied l-għarfien qabel il-preżentazzjoni tal-karta l-ġdida tal-€20
- jipprovdu materjal elettroniku u stampat dwar il-karti tal-flus il-ġodda bi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex jassistu lill-imsieħbin fil-programm meta jiġu biex jikkomunikaw mal-gruppi interessati
- jipprovdu karti ġodda tal-€20 biex l-apparat jiġi ttestjat għand il-manifatturi u l-fornituri kif ukoll biex jiġi adattat fuq il-post fejn diġà qiegħed jintuża minn Frar/Marzu 2015, wara il-preżentazzjoni uffiċjali.

Il-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra huma mistennija jibdew iħejju l-magni tagħhom għall-adattament mill-iktar fis. Min juża dan l-apparat għandu wkoll jikkuntattja lill-manifattur jew fornitur tiegħu biex jibda jħejji il-magni għall-adattament. Kull min ikun qiegħed jaħseb biex jixtri xi apparat li jipproċessa u/jew jivverifika l-karti tal-flus għandu jiċċekkja mal-fornitur tiegħu li t-tagħmir ikun jista' jiġi adattat biex jaċċetta l-karti tal-flus il-ġodda.

Listi tal-apparat li jipproċessa u jivverifika l-karti tal-flus li ġie ittestjat uffiċjalment mill-banek ċentrali tal-Eurosistema biex ikun jista' jagħraf il-karti l-ġodda tal-€5 u l-€10 jinsabu fil-websajt tal-BĊE (www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html). Il-listi se jiġu aġġornati biex jinkludu l-karta l-ġdida tal-€20 wara li jsiru aktar testijiet fuq l-apparat mill-banek ċentrali tal-Eurosistema. Dawn se jiġu ippubblikati fil-websajt fl-2015.



# DATI IMPORTANTI
# **GĦALL-€20 IL-ĠDIDA**



# UFFIĊĊJI STAMPA TAL-EUROSISTEMA

**EUROPEAN CENTRAL BANK**
EUROSYSTEM

**European Central Bank**
**Directorate General Communications**
**Sonnemannstraße 20**
**60314 Frankfurt am Main**
**Germany**
**Tel.: +49 69 1344 7455**
**Fax: +49 69 1344 7401**
**E-mail: info@ecb.europa.eu**
**www.new-euro-banknotes.eu**
**www.euro.ecb.europa.eu**

ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΕΛΛΑΔΟΣ
ΕΥΡΩΣΥΣΤΗΜΑ

Υπηρεσία Τύπου
Ελ. Βενιζέλου 21
102 50 Αθήνα
Ελλάδα
Τηλ.: +30 210 320 3447
Φαξ: +30 210 320 3922
E-mail: press@bankofgreece.gr
Internet: www.bankofgreece.gr

LATVIJAS BANKA
EIROSISTĒMA

Jānis Silakalns
Preses sekretārs
K. Valdemara ielā 2A, Rīgā
LV-1050
Tel.: +371 6702 23594
E-pasts: presesdienests@bank.lv
Interneta vietne: www.bank.lv

ONB
OESTERREICHISCHE NATIONALBANK
EUROSYSTEM

Christian Gutlederer
Pressesprecher
Otto-Wagner-Platz 3
1090 Wien
Österreich
Tel.: +43 1 404 20 6900
Fax: +43 1 403 17 44
E-Mail: christian.gutlederer@oenb.at
Internet: www.oenb.at

BanqueNationaleBank DE BELGIQUE VAN BELGIË
Eurosystem

Kristin Bosman
Porte-parole / Woordvoerster
Bld de Berlaimont 14
1000 Bruxelles / Brussel
Belgique / België
Tél / Tel. : +32 2 221 46 28
Télécopie / Fax : +32 2 221 31 60
Courriel / E-mail : pressoffice@nbb.be
Internet : www.nbb.be

BANCO DE ESPAÑA
Eurosistema

Ricardo Fernández
Jefe de la División de Relaciones con los Medios y Documentación
Alcalá, 48
E-28014 Madrid
España
Tel.: +34 91 338 5044
Fax: +34 91 338 5203
Correo electrónico: comunicacion@bde.es
Internet: www.bde.es

LIETUVOS BANKAS
EUROSISTEMA

Public Relations Division
Gedimino pr. 6
01103 Vilnius
Lithuania
Tel.: + 370 5 268 0072
E-mail : media@lb.lt
Internet: www.lb.lt

BANCO DE PORTUGAL
EUROSISTEMA

Gabinete de Comunicação Institucional
Rua do Comércio, 148
1100-150 Lisboa
Portugal
Tel.: +351 213 215 358
Fax: +351 213 464 843
Correio eletrónico: press@bportugal.pt
Internet: www.bportugal.pt

DEUTSCHE BUNDESBANK
EUROSYSTEM

Zentralbereich Kommunikation
Pressestelle
Wilhelm-Epstein-Straße 14
60431 Frankfurt am Main
Deutschland
Tel.: + 49 69 9566 3511
Fax: + 49 69 9566 3077
E-Mail: presse@bundesbank.de
Internet: www.bundesbank.de

BANQUE DE FRANCE
EUROSYSTÈME

Olivier Aubry
Chef du service de Presse et de l'Information numérique
007-1049
9, rue du Colonel Driant
75049 Paris CEDEX 01
France
Tél. : +33 1 42 92 39 00
Télécopie : +33 1 42 92 39 41
Courriel : service.de.presse@banque-france.fr
Internet : www.banque-france.fr

BANQUE CENTRALE DU LUXEMBOURG
EUROSYSTEM

Marc Konsbruck
Communication Officer
2, boulevard Royal
L-2983 Luxembourg
Tél.: + 352 4774 4265
Télécopie: + 352 4774 4910
Courriel: info@bcl.lu
Internet: www.bcl.lu

BANKA SLOVENIJE
BANK OF SLOVENIA
EUROSYSTEM

Odnosi z javnostmi
Slovenska 35
1505 Ljubljana
Slovenija
Tel.:+386 1 47 19 153, +386 1 47 19 777
Faks: +386 1 47 19 724
E-pošta: pr@bsi.si
Internet: www.bsi.si

EESTI PANK
EUROSÜSTEEM

Avalike suhete allosakond
Estonia pst 13
15095 Tallinn
Eesti
Tel: +372 668 0965, +372 668 0745
Faks: +372 668 0954
E-post: press@eestipank.ee
www.eestipank.ee

BANCA D'ITALIA
EUROSISTEMA

Antonella Dragotto
Capo Divisione Stampa e Relazioni esterne
Via Nazionale 91
00184 Roma
Italia
Tel. +39 06 4792 5566
Fax: +39 06 4792 2253
E-mail: stampabi@bancaditalia.it
Sito Internet: www.bancaditalia.it

BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

Clive Bartolo
Uffiċjal Ewlieni għall-Komunikazzjoni
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta
Tel.: +356 2550 3104 / 5
Fax: +356 2550 4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Internet: www.centralbankmalta.org

NÁRODNÁ BANKA SLOVENSKA
EUROSYSTÉM

Tlačové a edičné oddelenie
Imricha Karvaša 1
813 25 Bratislava
Slovenská republika
Tel.: +421 2 5787 2147
Fax: +421 2 5787 1128
E-mail: info@nbs.sk
Internet: www.nbs.sk

Banc Ceannais na hÉireann
Central Bank of Ireland
Eurosystem

Press office
PO Box 559
Dame Street
Dublin 2
Ireland
Tel.: +353 1 224 6299
E-mail: press@centralbank.ie
Internet: www.centralbank.ie

ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΚΥΠΡΟΥ
ΕΥΡΩΣΥΣΤΗΜΑ

Γραφείο Τύπου
Κεντρική Τράπεζα της Κύπρου
Λεωφόρος Κένεντυ 80
1076 Λευκωσία
Κύπρος
Τηλ.: +357 22714465, +357 22714503
Φαξ: +357 22378151
E-mail: pressoffice@centralbank.gov.cy
Internet: www.centralbank.gov.cy

DeNederlandscheBank
EUROSYSTEEM

Herman Lutke Schipholt
Persvoorlichter
Westeinde 1
1017 ZN Amsterdam
Nederland
Tel.: +31 20 524 2712
Mobiel: +31 6 5249 6900
E-mail: h.j.lutke.schipholt@dnb.nl
Internet: www.dnb.nl

SUOMEN PANKKI FINLANDS BANK
EUROJÄRJESTELMÄ
EUROSYSTEMET

Iina Lario
Tiedottaja / Informatör
Snellmaninaukio / Snellmansplatsen
PL 160 / PB 160
00101 Helsinki / Helsingfors
Suomi / Finland
Puhelin / Telefon: +358 10 831 2689
Sähköposti / Kontakt: iina.lario@bof.fi
Internet: www.suomenpankki.fi / www.finlandsbank.fi

ЕВРОПЕЙСКА ЦЕНТРАЛНА БАНКА
BANCO CENTRAL EUROPEO
EVROPSKÁ CENTRÁLNÍ BANKA
DEN EUROPÆISKE CENTRALBANK
EUROPÄISCHE ZENTRALBANK
EUROOPA KESKPANK
ΕΥΡΩΠΑΪΚΗ ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ
EUROPEAN CENTRAL BANK
BANQUE CENTRALE EUROPÉENNE
AN BANC CEANNAIS EORPACH
EUROPSKA SREDIŠNJA BANKA
BANCA CENTRALE EUROPEA
EIROPAS CENTRĀLĀ BANKA
EUROPOS CENTRINIS BANKAS
EURÓPAI KÖZPONTI BANK
BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROPESE CENTRALE BANK
EUROPEJSKI BANK CENTRALNY
BANCO CENTRAL EUROPEU
BANCA CENTRALĂ EUROPEANĂ
EURÓPSKA CENTRÁLNA BANKA
EVROPSKA CENTRALNA BANKA
EUROOPAN KESKUSPANKKI
EUROPEISKA CENTRALBANKEN

EUROSYSTEM